**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 808/97

Raymond Farrugia

vs

Enemalta Corporation

Illum 6 ta' Dicembru, 2001.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u precizament fl-1992 ir-rikorrenti sofra ingustizzja billi gie trasferit ghal sezzjoni ohra minghajr raguni valida.

Illi l-fatti fil-qosor kienu dawn;

Illi fl-1992 hu kellu s-seniority fost l-engineers fis-section Development fil-korporazzjoni intimata u gie trasferit minghajr raguni valida ghal Distribution Section f'liema sezzjoni hu tilef

hafna opportunitajiet ta' avvanz fix-xoghol permezz ta' safar u korsijiet u ukoll intefa piz zejjed fuqu.

Illi hu kien bi hsiebu jsostni l-ilment tieghu permezz tax-xhieda indikati fl-elenku annessa li jindika wkoll il-fatti li ir-rikorrenti fi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab li dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzja u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li l-korporazzjoni intimata terga titrasferih ghas-sezzjoni fejn kien qabel ossija Development Section u/jew jekk dan mhux possibbli tikkumpensah bis-somma li ma teccedix Lm5000.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni Enemalta li eccepiet:

Illi l-Korporazzjoni Enemalta trasferiet lir-rikorrent mis-sezzjoni tad-development ghas-sezzjoni tad-Distribuzzjoni taghha ghal htigijiet u l-esigenzi tal-Korporazzjoni.

Illi l-Korporazzjoni mxiet skond il-kundizzjonijiet u t-termini ta' l-ittra ta' Hatra tar-rikorrent mal-Korporazzjoni ta' 19 ta' Jannar 1987.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti esebiti mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn semma li f'Jannar ta' l-1992 kien impjegat mal-Korporazzjoni Enemalta fis-sezzjoni tad-Development u kellu seniority fuq l-inginiera l-ohrajn. F'Jannar tal-1992 Alan Attard kien infurmat mill-Head of Electricity, is-Sur E. Zammit illi kellu jimla l-post vakanti li kien ser ikun hemm fil-Central Area tad-Distribution li kien tbattal mill-Ing Joe Cilia. Xi ftit jiem wara gara xi haga u l-Head of Electricity qal lir-rikorrent li issa kellu jkun hu li jimla dan il-post vakanti fis-Sezzjoni tad-Distribution. Ipprova jirrifjuta dan it-transfer peress li kien is-senior tas-sezzjoni. Meta mar quddiem l-Head of Electricity u quddiem l-assistant Head tad-development dawn qalulu li l-Ing. Grace Cassar ma setghetx timla l-post vakanti hi ghar-raguni li kienet mara u huma kienu ta' l-opinjoni li l-post kien adattat ghar-ragel. Dan ma kienx veru ghax biex wettqu vendikazzjoni ohra kienu trasferew lil Ing. Marina Xuereb (li hi ukoll mara) fl-istess sezzjoni tad-Distribution. Qalulu wkoll li l-Ing. Khalil Khalil ma

kienx addattat ghal dan il-post ghax kien ta' nazzjonalita' Gharbija u kien ukoll 'hopeless" fl-Ingliz. Madankollu ftit xhur wara dan inghata zewg promozzjonijiet biex lahaq Senior Engineer biex b'hekk qabez lilu wkoll f'dik li hi seniority.

Semma li din ma kenitx l-ewwel darba illi l-Assistent Kap tas-sezzjoni tad-Development agixxa b'mod negattiv fil-konfront tieghu bl-iskop illi jirredikolah. Semma:

1. Tnehhija ta' increment minghajr ebda raguni valida;
2. Citazzjoni fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili, li kien izommu responsabbli ghall-ghibien ta' apparat li kien jiswa Lm1700; aktar tard din il-kawza giet ceduta;
3. Li qatt ma intghazel ir-rikorrent biex imur jwettaq xoghol barra minn Malta;
4. Meta inghataw l-promozzjonijiet lill-inginiera.

Dan kollu juri illi l-Assistent Kap tas-Sezzjoni tad-Development kien qed jaghmel kull sforz biex jehles minnu. Dan it-transfer zgur illi ma giex imwettaq fl-ahjar interessi u minhabba l-esigenzi tal-Korporazzjoni ghaliex ir-rikorrent kien l-aktar inginier b'esperjenza f'din is-sezzjoni.

Zied jghid: "Ghalhekk wiehed jista' jikkonkludi illi dan it-transfer kien vendikazzjoni illi l-Assistent Kap tas-sezzjoni tad-Development ghamel kontra tieghi. Xi gimghat wara li gara dan il-kaz il-head of Electricity, is-Sur E. Zammit gie fl-Ufficju tieghi u stqarr illi l-kummenti dwari fuq ix-xoghol kienu saru posittivi ferm…Jiena ssuggerejt lis-Sur E. Zammit li jmissna nitkellmu aktar

fid-dettal dwar dan il-kaz peress li kien issa jidher car hafna li bit-transfer li hadt kienet saret ingustizzja mieghi…Nixtieq inzid illi b'rizultat ta' dan it-transfer jien spiccajt gewwa sezzjoni dizorganizzata, mhawwda fit-tmexxija, fejn hemm ukoll indhil politiku. Din is-sezzjoni hija nieqsa ukoll minn dawk li huma rizorsi umani, specjalment haddiema ta' kwalita' hemm nuqqas ta' professjonalita' kif ukoll pubbliku ezigenti. Dan kollu kellu impatt negattiv fuqi kemm f'dik li hija sahha psikologika kif ukoll dik fizika…"

Joseph Mangion li jahdem mal-Enemalta Corporation fil-kariga ta` Principal xehed li dwar il-kaz tar-rikrorent dan veru kien gie trasferit xi zmien ilu pero` ma jafx x`inhi r-raguni. Fl-Enemalta responsabbli ghal trasferimenti jkun responsabbli dejjem ic-chairman. Ic-chairman jimxi fuq rakkomandazzjonijiet li jkun ircieva minghand id-Diretturi u n-nies assistenti tieghu. Ma irrizultalux li saru xi rakkomandazzjonijiet.

Alan Attard Engineer 3 Scale 5 xehed li fl-1992 kien Professional Officer 2, u kien wkoll fl-istess ufficcju mar-rikorrent u bhala grad kienu l-istess grad ghalkemm r-rikorrent kien senior tieghu. Semma li mid-Development Section fejn kien qieghed hadd ma kien baghat ghalih. Hu qatt ma gie trasferit mid-Development.

Emanuel Zammit li spicca bhala Head of Electricity minn mal-Enemalta Corporation fid-17 ta' Marzu 1993 xehed "Mistoqsi jekk qattx bghatt ghal Alan Attard halli hu jmur post u in segwitu rrifjuta u kelli nibghat lir-rikorrent minnflok, jiena ma niftakarx b'

dan il-kaz ghalkemm ma nistax neskludih ghax ghadda z-zmien u llum il-gurnata nsejt. Zgur li kemm hu kif ukoll ir-rikorrent li nafu wkoll dik il-habta gew trasferiti pero` ma nistax niftakar anqas min minnhom l-ewwel. Peress li kien hemm bzonn ta' dawn it-trasferimenti minhabba d-dipartiment jiena kien deherli li kelli naghmel dawn it-trasferimenti skond l-esigenzi ta' dak iz-zmien. Ma niftakarx min mihhnom jekk hux Attard jew Farrugia gie trasferit l-ewwel pero` bazikament huma l-istess epoka."

Charles Grixti li jahdem mal-Enemalta u llum il-gurnata ghandu r-rank ta' Manager u li fl-1992 kien Assistant Head Distribution xehed li jaf lir-rikorrent fuq ix-xoghol. Semma li dwar min jintbaghat fuq korsijiet ma kienx hemm policy. Kien innota li r-rikorrent ma kienx qieghed jintbaghat u ha hsieb li jibghatu l-korsijiet. Bhala kwalita` ta' haddiem ir-rikorrent qal li jikklassifikah from 1 to 10 jaghtih 6.

**KONKLUZZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent fl-1992 kien impjegat mal-Korporazzjoni Enemalta fis-sezzjoni tad-Development u kellu seniority fuq l-inginiera l-ohrajn u gie trasferit fic-Central Area tad-Distribution li kien tbattal mill-Ing Joe Cilia. Gie trasferit hu ghalkemm kien is-senior u minghajr ma inghata raguni valida. L-intimat semma li dan sar minhabba l-esigenzi tas-servizz.

Fil-kawza "Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim`Ministru et" deciza fit-23 ta' Marzu, 1999 it-Tribunal qal:

“Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma’ dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista’ jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghataw ir-ragunijiet ghalih. Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f’dan ir-rigward, izda f’dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifhmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli. Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk. Is-serjeta’ titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu “above board”.

Ghalhekk jekk l-intimat qieghed isostni li kien hemm esigenzi tas-servizz ghat-trasferiment, irid jghid fhiex kienu jikkonsistu dawn l-esigenzi. Izda l-imtimat lanqas biss ipprova jiggustifa dan it-transfer. Ghalhekk it-Tribunal jichad din l-eccezzjoni. Ir-rikorrent pero’ ma specifikax x’danni materjali sofra kawza ta’ dan it-trasferiment.

Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f’dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta’ kumpens ta’ elf lira [LM1000]

Spejjez kontra l-intimat.